

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/666

tat-12 ta' April 2022

**li taħtar żewġ membri u ħames membri supplenti, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li kkunsidra l-proposti mill-Gvern Portugiż,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 <sup>(2)</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġew proposti għall-ħatra s-Sur Fernando Medina Maciel ALMEIDA CORREIA u s-Sur José Maria DA CUNHA COSTA.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan is-Sur Pedro Miguel AMARO DE BETTENCOURT CALADO, is-Sur Rui Miguel DA SILVA ANDRÉ, is-Sur Luís Manuel DOS SANTOS CORREIA u s-Sur Paulo Jorge FRAZÃO BATISTA DOS SANTOS ġew proposti għall-ħatra.
- (5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Luís Miguel CORREIA ANTUNES bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.
- (6) Il-Gvern Portugiż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Luís Miguel CORREIA ANTUNES, *Presidente da Câmara Municipal da Lousã* (Sindku ta' Lousã), u s-Sur José Manuel PEREIRA RIBEIRO, *Presidente da Câmara Municipal de Valongo* (Sindku ta' Valongo).
- (7) Il-Gvern Portugiż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Pedro Alexandre ANTUNES FAUSTINO PIMPÃO DOS SANTOS, *Presidente da Câmara Municipal de Pombal* (Sindku ta' Pombal), is-Sur Rogério Conceição BACALHAU COELHO, *Presidente da Câmara Municipal de Faro* (Sindku ta' Faro), is-Sur Gonçalo Nuno BÉRTOLO GORDALINA LOPES, *Presidente da Câmara Municipal de Leiria* (Sindku ta' Leiria), is-Sur Rogério DE ANDRADE GOUVEIA, *Secretário Regional das Finanças do Governo Regional da Madeira* (Segretarju Reġjonali tal-Finanzi tal-Gvern Reġjonali ta' Madeira), u s-Sur Luís Carlos PITEIRA DIAS, *Presidente da Câmara Municipal de Vendas Novas* (Sindku ta' Vendas Novas),

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali jew reġjonali li għandhom mandat elettoralu huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

- is-Sur Luís Miguel CORREIA ANTUNES, *Presidente da Câmara Municipal da Lousã* (Sindku ta' Lousã),
- is-Sur José Manuel PEREIRA RIBEIRO, *Presidente da Câmara Municipal de Valongo* (Sindku ta' Valongo),

u

(b) bħala membri supplenti:

- is-Sur Pedro Alexandre ANTUNES FAUSTINO PIMPÃO DOS SANTOS, *Presidente da Câmara Municipal de Pombal* (Sindku ta' Pombal),
- is-Sur Rogério Conceição BACALHAU COELHO, *Presidente da Câmara Municipal de Faro* (Sindku ta' Faro),
- is-Sur Gonçalo Nuno BÉRTOLO GORDALINA LOPES, *Presidente da Câmara Municipal de Leiria* (Sindku ta' Leiria),
- is-Sur Rogério DE ANDRADE GOUVEIA, *Secretário Regional das Finanças do Governo Regional da Madeira* (Segretarju Reġjonali tal-Finanzi tal-Gvern Reġjonali ta' Madeira),
- is-Sur Luís Carlos PITEIRA DIAS, *Presidente da Câmara Municipal de Vendas Novas* (Sindku ta' Vendas Novas).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' April 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. BEAUNE

---